# Il-Kuxjenza matul iż-żminijiet

## *It-tieni parti*

**minn Dun Carlo Calleja**

Fl-ewwel parti ta' din ir-riflessjoni fuq il-kuxjenza tajna ħarsa lejn kif żviluppa l-kunċett tal-kuxjenza mit-Testment il-Qadim sal-Konċilju Vatikan I fl-aħħar tas-seklu dsatax. F'din il-ħarġa li tiġbor fiha t-tieni u l-aħħar parti tar-riflessjoni tagħna fuq il-kuxjenza, naraw kif ġrajjiet storiċi fis-seklu għoxrin u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin għenu biex il-fehma tagħna tal-kuxjenza tkompli tikber u tevolvi.

### I. It-Tieni Gwerra Dinjija

Il-ġrajjiet ewlenin li mmarkaw is-seklu għoxrin kienu bla dubju ta' xejn iż-żewġ gwerer dinjija, iżda b'mod partikolari t-Tieni Gwerra minħabba l-Olokawst tal-Lhud fil-kampijiet tal-konċentrament. Fil-fatt, bosta moralisti jsostnu li l-interess fil-fakultà tal-kuxjenza twieled mill-ġdid fis-seklu għoxrin fost moralisti ġejjin minn pajjiżi li kienu responsabbli għal dawn l-atroċitajiet.

Ma' tmiem il-gwerra, moralisti minn dawn il-pajjiżi għarfu kif ħafna Kattoliċi, mingħajr wisq riflessjoni, assoċjaw ruħhom mar-reġimi Nazisti u Faxxisti li kienu responsabbli għal dawn it-traġedji. Fost dawn insibu l-moralista Ġermaniż, il-patri Redentorist Bernard Häring (1912-1998), li esperjenza l-kruha tal-gwerer hu stess. Wara l-gwerra kkommetta ruħu li fit-tagħlim morali tiegħu jagħti aktar importanza lill-kuraġġ li wieħed jeħtieġ biex ikun responsabbli milli sempliċement lid-dmir tal-ubbidjenza li l-manwali tal-morali kienu tant jenfasizzaw[1].

Ix-xogħol ta' Häring u ta' teologi oħrajn bħalu, kien influwenti fil-kontinent Ewropew, u bil-mod il-mod wassal għal tiġdid fil-mod kif tkun mgħallma l-morali f'xi seminarji u universitajiet Kattoliċi. Madanakollu, fil-pajjiżi fejn baqgħu jintużaw il-manwali tal-morali bil-lingwa Ingliża din il-bidla tal-ħsieb sabet ħafna aktar reżistenza. Dan jista' jkun attribwit għall-fatt li ma esperjenzawx l-istess sens ta' ħtija, li pajjiżi Ewropej bħall-Ġermanja u l-Italja, kienu qegħdin jesperjenzaw wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

### II. Il-Konċilju Vatikan II

Is-snin sittin ġabu magħhom taqlib soċjali kbir. L-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija kienu għadhom qegħdin jinħassu. Il-Filosofija tal-eżistenzjaliżmu kienet qiegħda tinxtered qatigħ fl-Ewropa, b'enfasi ġdida fuq il-libertà tal-bniedem u s-sens ta' responsabbiltà għall-ħajja u għall-futur personali. F'bosta pajjiżi l-ekonomija reġgħet bdiet tiffjorixxi, mezzi ġodda ta' midja kienu qed jinxterdu madwar id-dinja, u x-xjenza kienet qed tagħmel passi ta' ġgant. Fuq livell politiku, id-dinja reġgħet sabet fuqha fix-xifer ta' gwerra oħra, aktar imdemmija mit-tnejn ta' qabilha, bil-gwerra bierda li kien hemm bejn l-Unjoni Sovjetika u l-Istati Uniti, u t-tisħiħ tal-armamenti nukleari fuq iż-żewġ naħat.

Kien f'dan l-ambjent li l-Papa Ġwanni XXIII nieda l-Konċilju Vatikan II li beda fil-11 ta' Ottubru 1962. Kien hemm żewġ dokumenti li ħarġu minn dan il-Konċilju u li fissru b'mod ġdid kif in-Nisrani għandu jifhem il-kuxjenza.

L-ewwel fost dawn id-dokumenti kien il-Kostituzzjoni Pastorali fuq il-Knisja fid-Dinja tal-Lum, magħruf aħjar bl-ewwel żewġ kelmiet tal-istess dokument: *Gaudium et Spes*[2], aktarx l-aktar dokument importanti li ħareġ il-Konċilju. Dan id-dokument fih deskrizzjoni mill-isbaħ dwar il-kuxjenza, li huwa meħud kważi kelma b'kelma minn kitba ta' Häring innifsu. Il-vers li qiegħed nirreferi għalih jgħid hekk:



*Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu l-bniedem jagħraf liġi li ma jagħtihiex hu lilu nnifsu, imma li huwa għandu jobdi, u l-leħen tagħha, li dejjem jgħidlu biex iħobb u jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin, meta jeħtieġ jgħidlu ċar ġo qalbu; agħmel dan, aħrab dak. Il-bniedem għandu tassew liġi miktuba minn Alla f'qalbu*[3].

F'dan il-paragrafu na[illegible]-kuxjenza ma taġixxix biss b'reazzjoni għas[illegible] ħtija għal xi ħaġa li nkunu għamilna, im[illegible]prunana biex infittxu li nagħmlu t-tajjeb u [illegible]u l-ħażin. Hemm ukoll ċara d-dimensjoni [illegible]li tal-kuxjenza għax tinstab dejjem fil-qafas tal-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Interessanti l-aċċenn għall-għaqda anke ma' dawk li ma jemmnux f'Alla imma li jfittxu l-verità, kif ukoll il-fatt li għalkemm il-kuxjenza tista' tkun żbaljata, dak li jkun ma jistax jitqies bħala ħati jekk kemm-il darba l-persuna tagħmel sforz ġenwin biex tfittex il-verità u t-tajjeb.

Id-dokument l-ieħor importanti fuq il-kuxjenza hu l-Istqarrija tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Libertà Reliġjuża, *"Dignitatis Humanae"*[4]. F'dan id-dokument insibu d-dmir morali li kull bniedem għandu li jsegwi l-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu, ikunu xi jkunu jekk kemm-il darba dan qiegħed isir b'mod onest u awtentiku. Dawn il-konvinzjonijiet, li huma dejjem frott il-kuxjenza ffurmata tajjeb, ifakkruna fil-gravità tal-kuxjenza u f'kemm il-Knisja tafda l-bniedem bid-dinjità tiegħu bħala persuna ħielsa, li jfittex dejjem dak li hu tajjeb, attirat dejjem mill-imħabba ta' Alla.

### III. L-Humanae Vitae (1968)

Dak li ġie affermat fil-Konċilju Vatikan II fuq il-kuxjenza kien attwalizzat f'dak imsejjaħ bħala l-*Majority Report* tal-kummissjoni li l-Papa Pawlu VI kien waqqaf biex jistudjaw il-kwistjoni tal-kontraċettivi. Dan ir-rapport kien saħaq li, b'mod biex wieħed jindirizza l-problema tal-paternità responsabbli *(responsible parenthood)* u l-qies xieraq tal-familja, il-Konċilju Vatikan II wera t-triq. Il-kriterji oġġettivi huma d-diversi valuri u ħtiġijiet meqjusa b'mod armonjuż. Dawn il-kriterji oġġettivi għandhom ikunu applikati mill-koppji huma u jaġixxu minn kuxjenza ffurmata tajjeb u skont is-sitwazzjoni konkreta tagħhom[5].

Minkejja dan, meta ġie biex joħroġ l-enċiklika tiegħu fuq il-kontroll tat-twelid, *Humanae Vitae*, il-Papa Pawlu VI irrifjuta l-opinjoni tal-*Majority Report* u aċċetta minflok dik tal-*Minority Report*. Huwa saħaq li fil-materji li għandhom x'jaqsmu mal-kontraċezzjoni ma jistax ibiddel it-tagħlim tal-*Casti Connubii* (1930), jiġifieri li l-kontraċezzjoni hija dejjem materja gravi u li qatt ma tista' tkun iġġustifikata[6].

Dan l-iżvilupp wassal għal ħafna biex jaħsbu li dak li kiseb il-Konċilju Vatikan II fuq il-fehma tal-kuxjenza safa' fix-xejn. Imma aktarx li d-dinja kienet għadha mhix lesta għal tagħlim hekk ġdid fuq il-kuxjenza f'dinja li kienet għaddejja minn tant taqlib politiku u soċjali. Diversi isqfijiet raw ir-riskju li jekk it-tagħlim ma jkunx ċar biżżejjed tista' ssir aktar ħsara milli ġid.

Bl-enċiklika tiegħu *Veritatis Splendor*, Ġwanni Pawlu II ipprova jibbilanċja l-affarijiet, l-aktar fil-konfront ta' dawk il-moralisti li rreaġixxew b'mod qawwi kontra t-tagħlim tal-*Humanae Vitae*. Hija sfortuna li din l-enċiklika tant għanja ma ntlaqtitx tajjeb minn kulħadd. Xi wħud isostnu li dan wassal biex il-fehma tal-kuxjenza titbattal minn kull sinifikat jekk kemm-il darba l-ispazju li l-Konċilju Vatikan II kien ta biex wieħed jgħix il-fidi b'mod awtentiku u ħieles kompla jiċċekken dejjem aktar.

### IV. Il-Papa Franġisku

Nistgħu ngħidu li t-tagħlim frisk tal-Papa Franġisku ta nifs ġdid lill-fehma tal-kuxjenza fil-knisja u reġa' qajjem dimensjonijiet importanti li l-Konċilju kien semma u li kienu ntesew biż-żmien. L-ewwel nett, f'*Amoris Laetitia*, il-Papa Franġisku jenfasizza mill-ġdid l-irwol tal-kuxjenza ffurmata tajjeb u f'kuntest ta' talb, dixxerniment u akkompanjament spiritwali[7]. It-tieni, fl-enċikliċi soċjali tiegħu *Laudato Si'* u *Fratelli Tutti* l-Papa Franġisku jerġa' jfakkar fid-dimensjoni soċjali tal-kuxjenza li għandha tispira l-istrateġiji politiċi u ekonomiċi tagħna[8].

*(Ikompli f'paġna 13)*

tirrifletti dwar punt uniku, f'kelma oħra, meta u f'liema mument fl-istorja, u għalhekk kemm il-bniedem dam sabiex beda juża t-talent artistiku tiegħu biex jittratta temi Nsara.

9. Dan il-ħsieb twettqu bi vjaġġ mill-isbaħ tagħha stess hija u tikkonsidra tmien ikoni imprezzabbli ddedikati lkoll lil Maria Omm Alla. Dan, kemm għall-Knisja Kattolika, għall-Ordni Karmelitan, kif ukoll f'unjoni sħiħa mal-istorja tal-arti.

10. Fis-sempliċità ta' persuna li trid tmiss b'idejha u tara direttament dak li jidher fihom toħodna fi vjaġġ artistiku li jqarrbek u jwasslek lejn dak spiritwali. Kitba mill-isbaħ li s-segwaċi Karmelitani tagħha jagħmlu sew li jakkwistaw u jaqraw.




*Iż-żewġ kotba ta' Sr Wendy Beckett li jsemmi l-awtur fil-kitba tiegħu.*

*(Jaqbad minn paġna 11)*

B'hekk rajna li l-kuxjenza hija ċentrali fil-ħajja tan-Nisrani, u li bil-mod il-mod qiegħda terġa' tikseb il-post importanti li jistħoqqilha u li kienet tilfet maż-żmien. Il-kuxjenza mhijiex karta li nilagħbu meta m'għandniex soluzzjonijiet oħra jew skuża biex nagħmlu dak li jaqblilna b'mod suġġettiv. Anzi, hija parti integrali minna bħala persuni li tixprunana biex infittxu l-aħjar fir-relazzjoni tagħna ma' Alla u ma' ħaddieħor.

1. Bernard Häring, *Embattled Witness: Memories of a Time of War* (New York: Seabury, 1976), 23-24, kif ċitat f'James F. Keenan, 'Vatican II and Theological Ethics', *Theological Studies* 74, no. 1 (1 February 2013): 170–71, https://doi.
2. Konċilju Vatikan II, 'Kostituzzjoni Pastorali fuq il-Knsija fid-Dinja tal-Lum *Gaudium et Spes*', Laikos, ta' Diċembru 1965, https://laikos.org/vat2_gaudium-et-spes_ver2017.htm., para 1.
3. Konċilju Vatikan II, para. 16.
4. Konċilju Vatikan II, 'Stqarrija tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Libertà Reliġjuża, *Dignitatis Humanae*', Laikos, ta' Diċembru 1965, https://laikos.org/vat2_dignitatis-humanae_ver2017.htm.
5. 'Majority Report of the Papal Commission for the Study of Problems of the Family, Population, and Birth Rate', accessed 31 January 2021, https://www.bostonleadershipbuilders.com/0church/birth-control-majority.htm. Kap 4, parag. 1. org/10.1177/004056391307400109.
6. James F. Keenan, 'Redeeming Conscience', *Theological Studies* 76, no. 1 (1 March 2015): 134, https://doi.org/10.1177/0040563914565296.
7. Franġisku, 'Eżortazzjoni Apostolika Poast-Sinodali, Fuq l-Imħabba fil-Familja, *Amoris Laetitia*', 19 March 2016, 302, http://www.laikos.org/AL.htm.
8. Francis, 'Encyclical on Fraternity and Social Friendship *Fratelli Tutti*', 3 October 2020, paras. 98, 249, 274–275, http://www.vatican.va/content/francesco/en/encyclicals/documents/papa-francesco_20201003_enciclica-fratelli-tutti.html. Franġisku, 'Enċiklika Dwar L-Għożża Tad-Dar Komuni, *Laudati Si*'', Laikos, ta' Mejju 2015, para. 105, 118, 214, https://www.laikos.org/Fr1_LSi_test_24052015.htm.

## Kalendarju tal-Qaddisin Karmelitani

**April**
17: Beatu Battista Spagnoli, Saċerdot

**Mejju**
4: Beati Anġlu Maria Prat Hostench u Luqa ta' San Ġużepp Tristany Pujol, Saċerdoti u sħabhom, Martri
5: Sant'Anġlu ta' Sqallija, Saċerdot u Martri
8: Beatu Luwiġi Rabatà, Saċerdot
9: San Ġorġ Preca, Saċerdot u Terzjarju Karmelitan
16: San Xmun Stock, Reliġjuż
22: Santa Ġwakkina de Vedruna, Reliġjuża
25: Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Verġni

**Ġunju**
12: Beatu Ilarjun Januszewski, Saċerdot u Martri
14: San Eliżew, Profeta